għall-annullament tad-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-25 ta' Lulju 2008, li tiċħad l-appell mid-deċiżjoni tal-eżaminatur li tirrifjuta parzjalment ir-reġistrazzjoni tas-sinjal figurattiv li jirrappreżenta l-parti ta' fuq ta' kitarra ta' kulur il-fidda, griż u kannella bħala trade mark Komunitarja għal ċerti prodotti li jaqgħu fil-klassijiet 9 u 15 — Karattru distintiv ta' sinjal figurattiv ikkostitwit mir-rappreżentazzjoni bidimensjonali ta' parti minn prodott.

Dispożittiv

1) L-appell huwa miċħud.

2) H-P. Wilfer huwa kkundannat għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-15 ta' Settembru 2011 — Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-544/09 P)

"Appell — Għajnuna mill-Istat — Introduzzjoni tat-televiżjoni diġitali terrestri fir-reġjun Berlin Brandenburg — Artikolu 87(3)(ċ) KE — Falliment tas-suq — Proporzjonalità — Newtralità fuq il-livell teknoloġiku — Effett ta' inċentiv"

1. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Kompatibbiltà ta' għajnuna mas-suq komuni — Għajnuna li tipprovdi titjib tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-impriża benefiċjarja mingħajr ma tkun meħtieġa sabiex jintlaħqu l-għanijiet previsti fl-Artikolu 87(3) KE — Assenza — Finanzjament pubbliku tal-bidla lejn it-televiżjoni diġitali terrestri — Evalwazzjoni tal-kriterju ta' neċessità (Artikolu 87(3) KE) (ara l-punti 44, 46-48)*

2. *Appell — Aggravji — Motiv ippreżentat għall-ewwel darba fil-kuntest tal-appell — Inammissibbiltà (ara l-punt 63)*

3. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Projbizzjoni — Derogi — Għajnuna li tista' tibbenefika mid-deroga prevista fl-Artikolu 87(3)(ċ) KE — Kundizzjonijiet — Tranżizzjoni tax-xandir analoġiku għal xandir diġitali — Kundizzjoni ta' newtralità fuq livell teknoloġiku — Evalwazzjoni (Artikolu 87(3)(ċ) KE; Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2003) 541 finali) (ara l-punti 77, 79-81)*

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Is-Seba' Awla), tas-6 ta' Ottubru 2009, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (T-21/06), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors għal annullament ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/513/KE, tad-9 ta' Novembru 2005, dwar l-għajnuna mill-Istat implementata mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għall-introduzzjoni tat-televiżjoni diġitali terrestri fir-reġjun ta' Berlin-Brandenburg (ĠU 2006, L 200, p. 14) — Ksur tal-Artikolu 107(3)(ċ) TFUE.

Dispożittiv

1) L-appell huwa miċħud.

2) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja hija kkundannata għall-ispejjeż.